**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 174/2018**

**Josephine Micallef (KI 117867M)**

**vs**

**Ian Galea**

**Illum 26 ta' Novembru 2019**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

> "Illi l-esponenti hija propjetarja tal-fond terran "Santissima Trinita", bin-numru uffiċjali mija u sitta (106), Triq ir-Rabħa gia Triq Vittorja, Ħamrun, liema fond kien mikri għand omm l-intimat Caterina Richards, li tagħha huwa l-uniku eredi, ai termini ta' skrittura datata 31 ta' Lulju 2017 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok JM 01);

Illi matul il-perjodu tal-kirja omm l-intimat naqset li tħallas il-kera relatata mal-perjodu bejn il-11 ta' Marzu 2018 sat-3 ta' Mejju 2018, kif ukoll naqset tħallas l-arretrati u kontijiet tas-servizzi tad-dawl u l-ilma fl-istess fond (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok JM 02) kif ser ikun provat fil-mori tal-azzjoni de quo;

Illi in oltre l-inkwilina li tagħha l-intimat huwa eredi, wettqet bosta ħsarat fil-fond de quo, ħsarat li wasslu għall numru kbir ta' spejjez biex il-fond jerġa lura fi stat oriġinali li kien kif ser ikun provat fil-mori ta' l-azzjoni de quo;

Illi l-arretrati tal-kera imsemmija, l-ispejjeż għas-servizzi tad-dawl u l-ilma, l-ispejjeż biex saru r-riċerki testamentari kif ukoll l-ispejjeż sabiex il-fond ġie riprestinat għas-sitwazzjoni oriġinali tiegħu wara l-ħsarat li saru, huma dejn ċert, likwidu u dovut u minkejja li l-intimat kien bonarjament interpellat sabiex jħallas l-ammonti dovuti huwa baqa' inadempjenti.

Għaldaqstant, prevja kull dikjarazzjoni lil dan il-Bord jidhirlu xieraq, l-esponenti titlob bir-rispett:

i) Jiddikjara illi l-intimat għandhu jħallas lill-esponenti s-somma komplessiva ta' elf sitt mija u tmenin euro u disgha ċenteżmi (€1,680.09) dovuti kwantu għal sitt mitt euro (€600) arretrati tal-kera mill-11 ta' Marzu 2018 sat-3 ta' Mejju 2018, u kwantu għal mija ħamsa u sittin ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€165.64) spejjeż tal-arretrati tad-dawl u l-ilma, sebgħa u erbgħin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€47.95) spejjeż ta' riċerki testamentari mad-defunta Caterina Richards u sabiex il-fond ġie riprestinat, tmien mija u sitta u sittin ewro u ħamsin ċentezmu (€866.50);

ii) Jikkundanna u jordna lill-istess intimata sabiex tħallas lill-esponenti is-somma ta’ elf, sitt mija u tmenin euro u disgħa ċenteżmi (€1,680.09);

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sal-pagament effettiv kontra l-intimat li minn issa ngunt għas-subizzjoni.”

Ra illi l-intimat ma preżentax risposta.

Ra l-atti.

Sema’ l-provi.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi f’din il-kawza r-rikorrenti qeghda titlob il-hlas ta’ arretrati tal-kera, ta’ kontijiet pendenti tad-dawl u ilma u rimbors ta’ spejjez inkorsi minnha sabiex issewwi hsarat kagunati mill-inkwilina, omm l-intimat.

Illi l-intimat minkejja li debitament notifikat kif jirrizulta a folio 26 sa 29 tal-process, ma prezenta l-ebda risposta. Mhux biss izda ma kkontesta bl-ebda mod it-talba tar-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti xehdet a folio 33 u 34 tal-process, fejn ikkonfermat il-kawza u t-talbiet taghha u ikkonfermat wkoll illi sa dakinhar kienet ghada ma rceviet l-ebda hlasijiet.

Illi mill-provi prodotti t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghaldaqstant, il-Bord qieghed jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-prezenti procedura a karigu tal-intimat u bl-imghax legali kontra l-intimat, li ghandu jiddekorri mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur